MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Numru. 205/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PIERRE GRECH**
**VS**
**JOSEPH SPITERI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Spiteri ta’ 42 sena iben Carmelo u Maria Ann nee’ Barbara, mwieled Zejtun fl-14 t’ Ottubru 1962, residenti Fl 3, St. Michael, Triq il- Mensija, San Gwann, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 668562 (M) .

Illi huwa akkuzat talli f’tas-Sliema u f’dawn il-Gzejjer fl-4 ta’ Marzu 2005 u matul l-ahhar tlitt xhur qabel din id-data :

(a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroijna specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet

ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-Presdent ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(b) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokajina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall kontroll intern tad-drogi perikoluzi(G.N.292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-Presdent ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(c) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroijna, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma' kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi

perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id- dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(d) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaijna, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma' kellu licenzja mill- President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principal ital-Gvern skond id- dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(e) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bazi din- ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal- Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(f) Kif ukoll talli kellu f'idejh jew fuqu skieken, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strumenti ohra bil-ponta, cioe' mwies u skieken, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(g) Kif ukoll talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija mill-Qorti;

(h) Talli wkoll kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (*Diazepam*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif amendati;

(i) Talli wkoll kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u specifikata (*Flurazepam*) meta ma kienx awtorizzat kif imiss, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti dwar il-kontroll tal-medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif amendati;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali datata 5 ta'Marzu 2005 (a fol. 4);

Rat il-Kontra Ordni tal-Avukat Generali (a fol. 406) u l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib htija fl-imputat (a fol. 407);

Rat il-verbal tas-19 t'April 2007 fejn l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Mix-xhieda tal-Ispettur Pierre Grech (a fol. 12 et seq) jirrizulta illi membri tal-Isquadra Kontra Drogi kienu ghamlu zmien josservaw il-passi tal-imputat (mlaqqam il-Bambocc), li kien maghruf mal-Pulizija.

Illi fl-4 ta'Marzu 2005 l-imputat gie osservat hiereg mir-residenza tieghu, gie segwit mill-Pulizija pajzana, u baqa' sejjer fil-vettura tieghu, *Toyota Starlet* AJL 108, sakemm wasal go Flat 11, Wilton Court Sliema. Fl-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar (4.30pm) fuq informazzjoni ulterjuri, il-Pulizija segwit lill-imputat fl-inhawi tal-Balluta, wettqu tfitxija fuq il-persuna tieghu u sabu d-droga. Spettur **Grech xhed illi l-Pulizija raw lil imputat jipprova jehles minn xi haga li wara rrezulta li kienet *sachet* bid-droga eroina**.

**In oltre twettqet tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn il-pulizija sabu u elevaw diversi oggetti relatati mad-drogi, flimkien ma' diversi tipi ta' skieken u mwies.**

Apparti dan, l-Puliziaj wettqet tfittxija ohra fl-appartament ta' Marina Spiteri, il-habiba tal-imputat, fil-fond Wilton Court, De Piro Street, Sliema.

Illi f'dan l-appartament, il-Pulizija sabu u elevaw basket tal-karti ahmar li l-imputat gie osservat jdahhal fil-*flat* ta'Marina, u sustanza suspettata kokaijna, eroina u ammont zghir ta' kannabis; fil-basket sabu *pouch* ahdar tal-imputat li kien jakkontieni sustanza suspettata droga, affarijiet relatati mad-droga, mwies, tlett mija u hames lira Maltin (LM 305), mitejn u hames Ewro (€205), u zewg (2)

noti ta' hames liri Matlin (LM 5), wahda minnhom rrumbata.

Magistrat Dr Cassar sejjah inkjesta u hatar lil diversi esperti.

Marina Spiteri giet arestata u tttiehdu passi kriminali kontra taghha ghal pussess ta' droga kannabis.

Gew ezebiti DOK PG1 u PG2, PG3 certifikat tat-twelid, fedina penali, u l-istqarrija tal-imputat PG4 u PG5 sikkina b'manku tal- injam, u mus b'manku iswed u diversi mwies u skieken PG6 sa PG9, arloggi, crieket PG11 sa PG13, tlett (3) *mobile phones* PG14. **Dawn l-oggetti kollha nstabu fil-Flat 3, St Michael, Triq il-Mensija, San Gwann.**

**Oggetti li gew elevati minn Wilton Court Depiro Street Sliema kienu is-segwenti**:
PG15 *pouch* ahdar b'sitta u ghoxrin nota ta' ghaxar liri Matija (LM10 x 26), u disgha noti ta' hames liri Maltija (LM5 x 9): Total ta' (LM305);
PG16 zewg karti ta mitt euro (€100);
PG17 *mobile phone Nokia* celesti;
PG18 *mobile phone Nokia* orangio;
PG19 *mobile phone Nokia* vjola;
PG20 zewg (2) karti ta' hames liri Maltija (LM5) misjuba fil-*pouch* l-ahdar.
Fl-istqarrija tieghu DOK PG3, a fol. 23, l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda.

WPS 45 Marisa Bartolo (a fol. 24 et seq) kkonfermat l-osservazzjonijiet li hi u PC10 kienu qed jaghmlu fuq l-imputat u segwewh sal-Wilton Court fejn talbu ghal aktar assistenza. WPS45 xhedet li l-imputat hareg fl-erbgha u nofs ta' wara nofs inhar (4.30pm) u gie segwit sal-Balluta fejn gie intercettat mill-Pulizija li wettqu *search* fuq l-imputat; li l-istess imputat rrezizta l-Pulizija u gie nnutat jarmi pakkett tal-karti li fiha kien hemm borza tal-*plastic* kontenenti trab abjad. Tkomplew it-tfixxijiet fuq il-vettura tal-imputat fejn gew elevati xi *mobiles* u sikkina. WPS

kkonfermat t-tfittxija fir-residenza tal-imputat u l-oggetti elevati, li ntgharrfu mill-istess WPS45.

Waqt it-tfixxija, dahal messagg fuq wiehed mill-*mobile phones* tal-imputat, liema messagg, **staqsih ghaliex kien qed jdum**. Ghalhekk l-osservazzjonijiet da parti tal-Pulizija issoktaw.

WPS Bartolo kkonfermat t-tfittxija f'Wilton Flats fejn sabu kaxxa li kienet tikkontieni il-basket ahmar tal-karti bil-*logo* tal-*vodafone*. WPS 45 kkonfermat l-oggetti elevati (ara a fol. 29)

Spettur Grech nforma li l-Magistrat Inkwirenti kien fetah inkjesta .

WPS Bartolo kkonferma s-sejba ta'siringi godda u wzati,borza trab kannella u trab abjab, *foil* mibrum, *citric acid*, pipa,u l-oggetti indikati a fol 30 u 31. WPS Bartolo kkonfermat l-istqarrija tal-imputat PG3.

Robert Bugeja (a fol. 33) ezebixxa il-process verbal DOK RB.

WPS45 reprodotta kkonfermat fl-istqarrija guramentata ta'Marina Spiteri DOK RB a fol. 77 et seq.

Spettur Pierre Grech ezebixxa mazz boroz tal-plastik bhala l-ezebiti PG21 (a fol. 37).
Marina Spiteri (a fol. 38) xhedet illi l-proceduri kriminali ghal pusess ta'droga inizjati fil-konfront taghha, gew finalizzati.

Hija xhedet illi fid-data citata fl-akkuza, Joseph Spiteri, identifikat bhala l-imputat, kien gie fl-appartament taghha bejn 12.30 u 1.00pm. Hija affermat li Joseph Spiteri kien gab mieghu id-droga - *cocaine* u *heroine* "***which we did together***" (a fol. 39 u 40).

Wara ftit rceva telefonata ghaliex xi klijent ried jixtri xi *coke*. Spiteri ppreparha u hareg. Meta dam aktar minn kwarta, bdiet tinkwieta. Marina xhedet li kellha xi nies

gejjien biex jikkonsenjaw xi ilma u pitrolju, allura qabdet il-basket tal-karti ahmar u l-affarijiet li kien hemm fuq il-bank tal-kcina, qeghdet kollox fil-basket l-ahmar u tefghet kollox go kaxxa. Dawn kienu flixkun, pipa, *cocaine* msajjra, bicca *foil* go vazette.

Illi f'mument minnhom ntefa d-dawl u fethet il-bieb ta' barra halli tara jekk nqatghax l-elettriku tal-Gvern, u sabet il-Pulizija ma wiccha.

Marina Spiteri kkonfermat li Spiteri kien liebes *sweatshirt* griza li tatu hi u kappell. Hija xhedet illi il-mizien u l-*pouch* ahdar kienu ta'Joseph Spiteri. Marina Spiteri kkonfermat ukoll x-xhieda li tat quddiem il-Magistrat Inwerenti – cioe a fol. 9 sa 16 tal-process verbal.

PC Trevor Cassar Mallia (a fol 46 et seq) kkonferma li kien qieghed josserva il-movimenti tal-imputat fil-4 ta'Marzu u segwa lil istess imputat sa f'Wilton Court, Depiro Street, Sliema. Illi wara ftit nizel Manuel Dimech Street ghal Balluta u l-Pulizija intercettawh. L-imputat prova jitfa xi haga f'halqu izda WPS45 razznitu u l-imputat tefa qartas tal-karti mal-art u borza tal-plastik b'xi trab fiha. PC Cassar Mallia kkonferma tfittxijiet f'Depiro Street, fir-residenza tal-imputat u l-oggetti elevati.

Marica Fenech ezebit l-process verbal DOK MF redatt mill-Magistrat Dr. Joseph Cassar u process verbal redatt mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, stqarrija guramentata ta' Marina Spiteri DOK MF1.
Brian Farrugia (a fol. 994), rapprezentat tat-*Testing Directorate* xhed li l-vettura AJL 108, *Toyota Starlet* kienet propjeta' ta' Raymond Cortis, ta'*Cortis Rent a Car Ltd*.

PC1095 Karl Falzon, (a fol. 96) afferma li l-imputat Joseph Spiteri ma kellu ebda arma li kienet licenzjata mal-Kummissarju tal-Pulizija.

PC351 Joseph Borg , kkonferma l-istqarrija tal-imputat a fol 97.

WPC 89 Mariella Spiteri,( a fol. 98) kkonfermat li l-imputat gie intercettat fi Triq Manwel Dimech Sliema waqt li kien riekeb vettura *Toyota Starlet,* li rresista l-Pulizija u rema zewgt iqratas ma l-art. Hija kkonfermat t-tfixxija li wettqu fir-residenza, s-sejba ta'siringa mimlija likwidu kanella, suspettata eroina, u affarijiet ohra bhal *envelopes*, u skieken mahruqa.

WPC 86 Fenech kkonfermat x-xhieda ta WPC 89.

PS 964 Robert Scicluna pprezenta r-relazzjoni tieghu konsistenti fi tmienja u hamsin (58) -il ritratt, RS1 sa RS58, tat-tfittxija illi sehhet fi'11, Wilton Court, De Piro Street Sliema.

PS 602 Jonathan Attard, *Scene of Crime Officer* fl-inkjesta ta'Wilton Court, 11 Depiro Str Sliema kkonferma li eleva l-oggetti kollha indikati fir-relazzjoni tieghu JA.

A fol 124, PS Edgar Dalli eleva impronti digitali fuq l-oggetti mghoddija lilu minn PS 602 Jonathan Attard. Dawn gew mmarkati ED1 u ED2.

PS 1374 Edgar Dalli ezebizza l-impronti digitali u palmari tal-imputat li ttiehdu fil-prezenza ta' din il-Qorti. Dawn huma DOK ED3 u DOK ED4.

L-Espert Martin Bajada ezebixxa DOK MB li cioe il-kontenut ta'sitt (6) *mobile phones* elevati fl-inkjesta u s-*sim cards* taghhom.

l-Ispizjar Mario Mifsud ezebixxa r-relazzjoni tieghu DOK MM u MM1. Fir-relazzjoni tieghu DOK MM, l-Ispizjar kkonferma illi l-oggetti kollha analizzati minn a sa d, inkluz erba' (4) siringi, mgharfa, karti, *foil*, u likwidu kanella fi flixkun **kienu negattivi ghad-droga**.

Gew misjuba :

1. Tlieta u erbghin (43) pillola *Diazepam* li huma *tranqulliziors* kontrollati taht Skeda Part B Kap 31;

2. Ebghatax (14) il-kapsula *Flurazepam – Hypnotics* kontrollata taht l-istess skeda fuq msemmija ;

3. Zewg (2) blokki zghar ta' *cannabis net weight* 2.864 grains – Section 8 Kap 101;

4. Tracci ta' *heroine* fuq bicca *foil* 704/05/09 u f'siringa 704/05/10/1 fuq bicca foil 704/05/10/2 u fuq imgharfa 704/05/14;

5. Nsabu 14.719 grammi ta'*heroin*, bi purita ta'36.3%;

6. Tracci ta'eroina u kokajina fuq bicca *foil* 704/05/09 f'siringa 704/05/10/3 mizien elettronici 704/05/13 f'likwidu kannella f'DOK 704/05/19 u fi tlett (3) siringi 705/05/20/1/3/4;

7. Tracci ta'eroina degratat f'*foil* rrumblat u zewg (2) siringi;

8. Tracci ta' kokajina f'borza, *foil*, pipa u flikxun tal-plastik indikata f'paragafu L, f'a fol.211;

9. 4.645 grammi kokajina, purita ta' 41.4% f'ezebiti indikati f'paragrafu M a fol. 211.

Joseph Mallia, espert fl-analizi komparattivi tal-impronti digitali u palmari, a fol. 307 gie konsenjat l-*lifters* ED1 u ED2 a fol. 126 tal-process verbal u l-impronti digitali u palmari tal-imputat a fol 135 u 136 sabiex jesegwixxi l-analizi tieghu.

A fol. 313, Joseph Mallia ezebixxa ir-relazzjoni tieghu DOK JM u halifha. Huwa sab illi tlieta (3) mill-*lifters* kienu tajba ghal komparazzjoni izda wiehed biss – cioe DOK 05A SUN H4A gie mqabbel mas-sebgha tan-nofs tal-id leminija tal-imputat Joseph Spiteri (ara a fol. 320 sa 321, 323).

Supretendent Neil Harrison (a fol. 330) identifika lill-imputat bhala l-istess persuna indikata fis-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2001 mill Magistrat Dr. A Mizzi u tal-10ta'

Settembru 2004 tal-Qorti tal-App. Krim' per Mhallef David Scicluna.

Spizjar Mario Mifsud (a fol. 395) xhed illi prezz fuq is-suq ta' 2.864 grammi raza cannabis, 14.719 grammi eroina, 4.645 grammi kokajina ghandhom il-valur ta' hames mija, wiehed u sittin Lira Maltija u sebgha u sittin centezmu u ezebixxa DOK MM a fol 397.

Dr. Joseph Tonna prodott in difiza, xhed li kien ili ilhu jikkura lil imputat ghal dawn l-ahhar hames (5) snin u kien konxju tal-problema kbira ta' dependenza fuq d-drogi li kien jbaghti minnha l-imputat. Dan gara il-ghaliex bi snin ta'abbuz ta'drogi il-vini tal-*forearms* u riglejn tal-imputat ifjammaw, kellu *skin loss* u *muscle loss* tant illi kien rrekjeda zewg operazzjonijiet ta "*skin grafts".*

Illi fil-perjodu tal-arrest preventiv, l-imputat ha kura medika mehtiega , izda ma attenda ghal ebda programm ta' reabilitazzjoni.

Charlo Galea, rapprezentant *ta'Central Bank of Malta*, exebixxa DOK A li juri illi **fl-4 ta'Marzu 2005, l-imputat sarraf *cheque* ta' mija u Lira Matija u wiehed u disghin centezmu LM101.91, (vide DOK A u DOK B) sarraf ukoll fl-istess gurnata *cheque* ta' mija u hamsa u tletin Lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu, LM135.88.**

Dr. Joseph Briffa xhed dwar il-griehi gravi illi l-imputat kellu fil-gilda u fil-muskoli ta'dirajgh, l-infezzjoni fl-ghadam, l-*osteoperosis*, u li wara kura fit-tul, Dr.Briffa kien f'pozizzjoni li jesegwixi *skin grafts* fuq l-imputat f'14 ta'Marzu 1996.

Dr. Joseph Spiteri, psikjatra, kkonferma illi l-imputat jbghati minn ***clinical depression*** u li kien hemm ***underlying psychiatric problems*** li flimkien ma ghoxrin (20) sena ta'abbuz ta'droga, gabu mieghu *a* ***medical burnout*** – li ghalih **m'hemmx fejqan** izda wiehed jista' jikkontrollha.

Ikkonsidrat:

Illi il-provi fil-kaz in ezami huma pjuttost inekwivoki, fis-sens illi x-xhud ewlieni – cioe Marina Spiteri - bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, affermat li xtrat droga minghand l-imputat bi flus u anke gieli ta xi droga minghajr hlas:

**“R: Jiena lil Joseph ilni nafu u barra li ta d-droga lili, gieli rajtu jaghti u anke jiehu flus tad-droga li jkun biegh. Gieli anke tawh *mobile phones* flok flus. Meta jcemplulu xi nies, gieli smajtu jsaqsi lil min cempillu, jekk ghandux flus u kemm ghandu. Normalment wara li jcempillu xi hadd biex jiddealja mieghu, gieli rajtu jipprepara xi pakkett *heroin* jew *cocaine* u anke jizen id-droga.**

**D: Kemm il-darba innotajtu jiddealja fil-bejgh tad-droga?**

**R: Jiena ilni noqghod fl-appartament ta’ tas-Sliema ghal dan l-ahhar xahar u kemm ilni noqghod hemm, Joseph gie ghandi xi 7 darbiet. Meta jkun ghandi, lil Joseph icemplulu fuq il-*mobile phones* tieghu ta’ spiss u regolari u huwa johrog biex jaqdihom u jirritorna wara ftit hin.”**

**“R: Joseph gieli tani jew bieghli l-*heroin*, u l-aktar *cocaine*, ghal dawn l-ahhar xhur. Nakwista l-*cocaine* minghandu skond kemm ikolli flus. Hu jiehu kemm intieh peress li ahna hbieb, ma joqghodx ifittex mieghi. *Heroin* kwasi dejjem tani b’xejn. Jiena ghandi ntieh LM20 dejn ta’ xi *cocaine* li kien tani. Kemm jista’ jkun jien nhobb inhallsu biex ma nhossnix obbligata lejh”**

Minkejja dak illi jipprovdi Artikolu 638 (2) tal-Kapitolu 9 u cioe :

**“F’kull każ, ix-xiehda ta’ xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox;”**

u minkejja dak li gie ritenut mill-Qorti ta’ Appell Kriminali fil-kaz il-Pulizija vs Saverina  sive Rina Borg:

**“U minkejja li ai termini tal Artikolu 30 tal-Kap 101, tal-Ligijiet ta’ Malta, meta persuna tkun xtrat jew xorta ohra kisbet jew akkwistat medicinali bi ksur tad dispozizzjoni tal-Ordinanza, x-xhieda ta’ dik il-persuna fil procediment kontra il-persuna li min ghandha xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediciana m’ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b’cirkustanzi ohra.**” – (vide Pul Pulizija  vs Glen Paul Camilleri App Krim Deciza 26 ta’ Marzu 2009), fil-kaz in ezami, din il-Qorti tinstab **konfortata bi provi ulterjuri li jikkoroboraw x-xhieda ta’Marina Spiteri.**

Dan qieghed jinghad il-ghaliex, fil-kaz in ezami, l-imputat Spiteri kien **qieghed jinzamm taht l-osservazzjoni tal-Pulizija pajzana ghal xi zmien**, gie segwit u intercettatt minn WPS Bartolo, u  PC 10 Trevor Cassar Mallia flimkien mal-*back - up* tal-Pulizija **fejn  gie osservat jarmi oggett li wara nstab li kienet droga.**

Illi di piu, mill-oggett li nstabu fir-residenza ta’ Marina Spiteri, elevati minn PS 602 Jonathan Attard, **tirrizulta impronta digitali tal-imputat fuq l-oggett 05 ASU NH4** – vide a fol. 130 u fol. 320 sa 321.

In oltre fir-relazzjoni ta’ spizjar Mario Mifsud jirrizulta illi **nsabu fil-pussess tal-imputat**:

1. Tlieta u erbghin u nofs (43 1/2 ) pinnola *Diazepam*;
2. Ebghatax (14) il-kapsula *Flurazepam*;
3. 2.864 grains ta’ cannabis rezin ;
4. 14.719 grammi eroina;
5. 4.645 grammi kokajina;

apparti tracci ta’ dawn d-drogi kollha fuq uhud mill-oggetti indikati a fol. 210 sa 211.

Il-valur ta’ dawn d-drogi fuq s-suq ta  hames mija wiehed u sittin  lira Maltija u sebgha u sittin centezmu (LM561.67) – (vide a fol. 397)

Mill-fatti fuq indikati, johrog car illi il-kaz in ezami **jikkoncerna traffikar tad-drogi fuq skala minuri**, li l-imputat kien jitraffika droga sabiex jkun jista’ jzomm lilu nnifsu fil-vizzju tad-droga.  Dan gie **korroborat mhux biss mill-ammont zghir ta’ droga misjuba** (apparti il-fatt li l-cannabis misjuba kienet ta’ Marina Spiteri),  izda wkoll mill-ammont zghir ta’flus illi nstabu fuq il-persuna tal-imputat  u fil-*pouch* l-ahdar tieghu.  In fatti mill-ammont ta’flus (tlett mija u hamsin lira Maltija, LM 350) li nstabu fuq il-persuna tieghu, **mija u wiehed lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM101.91), u mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (LM135.88) kienu provenjenti  minn *cheques* ta’ *social benefits* imsarfa fl-istess gurnata tal-arrest tieghu.**

Illi ghaldaqstant jirrizultaw ipprovati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni l-ewwel erba’ akkuzi migjuba kontra l-imputat.  Ghal regward tal-akkuza tal-pussess ta’cannabis, Marina Spiteri hadet responsabilita tal-cannabis misjuba fl-appartament taghha, u ghalhekk il-hames akkuza ma tistghax treggi ukoll kontra l-imputat.

Illi ghal regward tas-sitt akkuza – cioe pussess ta’armi - skieken bla Licenzja tal-Kummisssarju tal-Pulizija, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova tali akkuza, bis-sejba ta’diversi skieken fil-vettura tal-imputat  u kif ukoll mis-sejba tal-istess tip ta’ skieken misjuba qalb l-oggetti varji fir-residenza ta’Marina Spiteri, liema skieken ma kienux koperti b’Licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija,  kif jirrizulta mix-xhieda ta’PC 1095 ( a fol. 96)
Di piu bis-sentenzi ezebiti a fol 52 sa 63, u x-xhieda ta’ Supretendent Harrison li rrenda x-xhieda tal-identita, l-akkuza sebgha hija pprovata skond il-Ligi.

Ghal-regward t-tmien u disgha u cioe il-pussess ta' *Diazepam* u *Flurazepam,* minkejja x-xhieda ta' Dr Joseph Spiteri dwar il-problemi psikjatrici tal-imputat u l-*clinical depression* li kien jbaghti minnha l-imputat ghal snin twal, fin-nuqqas ta'ricetta ta'Tabib li ippreskriva tali *tranquillisors* jew almenu f'mankanza ta'Tabib li afferma li l-imputat gie presritt tali medicinali, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr illi ssib il-htija.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib lil imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu ghajr ghal hames akkuza li minnha tilliberah, b'assorbiment ghal fini ta' piena tat-tielet u raba' akkuza fl-ewwel zewg akkuzi u wara li rat l-Artikoli 9, 10, 11, 22(1)(a), 22(1B), 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta'Malta, l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, r-Regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 292 tal-1939 u cioe' Regoli dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi kif amendat b'S.L.101.02, it-Tielet Skeda, Part B tal-Kap 31 kif amendat; Artikoli 5 u 8 u it-Tieni Skeda tal- Avviz Legali 22 tal-1985 kif amendat ; Artikolu 13(1) tal-Kap 66, Artikolu 12(1) tal-Kap 249; Artikoli 49 , 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, tikkundanna lill-imputat ghal-tlett (3)snin priguneriija li minnhom iridu jitnaqsu z-zmien li l-imputat ghamel f'arrest preventiv u tikkundannah jhallas multa ta' elfejn ewro (€2,000) illi ghandom jithallsu b'rata ta mitt ewro (€100) fix-xahar. In oltre tordna il-konfiska favur il-Gvern ta'Malta tal-flus kollha elevati **ghajr** is-somma ta'mija u wiehed lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (LM101.91), u mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (LM135.88) li kienu provenjenti minn *cheques* ta' *social benefits* imsarfa fl-istess gurnata tal-arrest tieghu. In oltre tordna wkoll d-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza ta' Registratur tal-Qorti.

Din il-piena giet akkordata wara li din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammont zghir ta' droga u flus elevati, il-fedina penali tal-imputat, l-istat ta' sahha fizika u mentali kritika tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------